FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Jannar, 2002

**Avviz. 605/01 PM**

**Tasika Auto Limited**

**Vs.**

**Pio Mercieca**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz datat l-1 ta' Awissu, 2001 li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' hames mitt lira Maltin (LM500.00) kif ukoll l-interessi fuq din is-somma mis-7 ta' Settembru, 1999, rapprezentanti bilanc tal-karrozza Opel Astra akkwistata mill-konvenut minghand is-socjeta' attrici f'Settembru, 1999.

It-Tribunal ra r-risposta datata 21 ta' Awissu, 2001, fejn il-konvenut qal li l-prezz ta' vettura mibjugha mis-socjeta' attrici gie mhallas.

Ra li fit-18 ta' Ottubru, 2001 issejhet il-kawza u giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li s-socjeta' attrici kitbet lid-Dipartiment ta' Licenzji fl-14 ta' Frar, 2000 fejn informat li l-konvenut hallas l-ammont kollu tal-karrozza Opel Astra.

Semghet ix-xhieda tal-partijiet u tax-xhud prodott mill-konvenut.

L-attur qed jitlob hames mitt lira Maltin (LM500) bilanc ta' prezz *f'Hire Purchase Agreement*. Il-konvenut jghid li hallas dak kollu dovut. Il-konvenut esebixxa rcevuta mibghuta mis-socjeta' attrici lil *Licensing & Testing Department* fejn gie ddikjarat li s-socjeta' attrici "received full payment from Mr. Pio Mercieca."(Dok PM).

L-attur esebixxa bhala "Dok CC" l-ftehim bejn il-partijiet. Skond dan il-ftehim, iffirmat bejn il-partijiet il-bilanc kien ta' elfejn sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin (LM2665). Jirrizulta pero' li l-kalkolu fl-istess document sar hazin.  Jekk wiehed jaghmel l-kalkolu kif suppost l-ammont jinqara hekk:

LM7665 -

<u>LM4500</u>

<u>LM3165</u> u mhux LM2665 kif jidher mill-istess dokument.

Il-konvenut jghid li bhala fatt l-ammont miftiehem bhala tpartit in konnessjoni mal-karozza tal-konvenut kien hamest elef lira Maltin (LM5000) u mhux erbghat elef lira Maltin (LM4500) kif jidher f'"Dok CC". L-attur cahad dan.

It-Tribunal jikkonkludi li kieku l-ammont ta' hamest elef (LM5000) kien miftiehem bejn il-partijiet, il-konvenut ma kienx jiffirma d-dokument CC fejn jidher li l-ammont miftiehem hu ta erbghat elef u hames mitt lira Maltin (LM4500).

It-Tribunal ikkunsidra li l-verzjoni tal-attur hija iktar kredibli minn dik tal-konvenut. Il-konvenut fir-risposti in-kontro-ezami l-ewwel beda jaghti l-impressjoni li ma kienx jaf li Charles Grech Auto Dealer kien involut u imbaghad ammetta dan.

Illi l-konvenut jghid ukoll li minhabba l-fatt li l-attur irrilaxxa rcevuta ma jistax issa jitlob ammont.

Illi t-Tribunal ma jaccettax din l-eccezzjoni ghaliex jidher li dan kien zbal tal-attur li naqas li jikkalkola tajjeb l-ammont dovut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**